MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 393/2008

**F. Advertising Limited (C27689)**

**Vs**

**Khalid Hassan**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' €3727.00 (tlet elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut ai termini ta' skrittura privata ffirmata mill-konvenut datata 24 ta' Settembru 2007.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra interpellatorja,u l-mandat ta' sekwestru datat 7 ta' Novembru 2008 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-13 ta' April 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3727 (tlett elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro) bl-imghaxijiet legali mis-sebgha (7) ta' Novembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja imsemmija fl-avviz u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tas-7 ta' Novembru 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------